## Qorti tal-Magistrati (Malta)

## Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.

**Il-Pulizija**
**[Spettur Paul Camilleri]**
**[Spettur Antonello Magri]**

**vs**

**George Annati**

**Kumpilazzjoni Numru: 368/23**

**Illum, 25 ta' Mejju, 2023**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi migjuba kontra **George Annati** detentur tal-karta tal-identità numru 438759M akkuzat talli nhar il-11 ta' Mejju 2023 ghall-habta ta' 09:00hrs gewwa Triq il-Palma Paola:

1. Kellu fil-pussess tieghu u fuq il-persuna tieghu arma regolari jew munizzjon jew xi imitazzjoni ta' dawk l-oggetti waqt li kien

qieghed jaghmel rejat kontra il-persuni ta' ***CO 929 Pierre Zerafa u CO 905 Gildav Cassar*** inkarigat skont il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien qieghed jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan is-servizz. Hekk kif ikkontemplat fl-Art 55(a) tal-Kap 480.

2. Ingurja, jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuni ta' ***CO 929 Pierre Zerafa u CO 905 Gildav Cassar*** inkarigat skont il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien qieghed jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz. Hekk kif ikkontemplat fl-Art. 95 tal-Kap 9 Art.

3. Attakka jew irrezista bi vjolenza lil gwardjani lokali ***CO 929 Pierre Zerafa u CO 905 Gildav Cassar*** waqt il-qadi ta' dmirijiethom. Hekk kif ikkontemplat fl-Art 19(1), tal-Kap 389

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, thassar jew tissospendi licenza mahruga u tipprojbixxi lil ***George Annati*** milli jkollu xi licenza, hekk kif ikkontemplat fl-Artikoli 57 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, tikkundanna lill-imputati ghall-has ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni, inkluza fil-mori tal-kawza kontra ***George Annati*** a beneficju ta' ***CO 929 Pierre Zerafa u CO 905 Gildav Cassar*** u dan fit-termini tal-Artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta,

Il-Qorti finalment giet mitluba f'kaz ta' htija, biex tipprovdi ghall-persuni ta' ***CO 929 Pierre Zerafa u CO 905 Gildav Cassar*** jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli ghar-reat, torbot lil ***George Annati*** b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' somma ta' flus li tigi iffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikoli 383 *et seq* tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghal zmien li thoss xeraq.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha esebiti inkluz in-nota tal-Avukat Generali datata tnax (12) ta' Mejju 2023 fejn inghata l-kunsens sabiex dawn il-proceduri jsiru b'mod sommarju;

Rat l-ezami tal-imputat li wiegeb hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u kkonferma tali ammissjoni anke wara li nghata zmien opportun sabiex jahsibha.

Rat li ghalkemm l-imputat ammetta l-akkuzi kollha kif dedotti kontrih fi stadju bikri tal-proceduri xorta wahda l-akkuzi kif addebitati lilu huma serjissimi u din il-Qorti ma tistax taghlaq ghajnejha ghal dak li sehh waqt il-kommissjoni tar-reat u ghaldaqstant ghalkemm ser tibqa' fuq il-minimu permissibbli mil-ligi stante ammissjoni bikrija thoss illi ghandha timponi piena karcerarja.

Illi ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17(b)(f), 95, 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, Artikolu 19(1) tal-Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta' Malta u Artikolu 55(a) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat **George Annati** hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih fuq ammissjoni u stante li t-tielet (3) akkuza hija alternattiva ghat-tieni (2) akkuza tikkundannah ghal piena ta' prigunerija effettiva ta' ghaxar (10) xhur flimkien ma' multa ta' erba' mitt ewro (€400).

Inoltre u a bazi tal-Artikolu 57 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta qed tissospendi l-licenzji tal-armi mahruga lill-imputat ghal zmien tliet (3) snin mid-data li din is-sentenza tigi definittiva.

Finalment il-Qorti qed timponi fuq l-imputat Ordni ta' Trazzin a bazi tal-Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta a favur il-vittmi u dan ghal perjodu ta' tliet (3) snin liema Ordni qed tifforma parti integrali ta' din is-sentenza.

Finlament il-Qorti spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

---------------------------------------

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**

**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**

**Deputat Registratur**